# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla

## Is-8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 003/2022

17 ta' Frar 2022

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Alison Zerafa Civelli – Sindku
Marco Agius – Vici-Sindku
Johann Scerri – Kunsillier
Martin Vella – Kunsillier
James Cauchi - Kunsillier
Melanie Agius Attard - Kunsilliera

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Noyah Spiteri Hammett – Kunsilliera

**ASSENTI:**
Nil

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sa. Alison Zerafa Civelli, Sindku , ippresjediet il-laqgħa

### 03.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija

03.1.1 Is-Sindku qrat e-mail li kienet intbagħtet mill-Kunsilliera Noyah Spiteri Hammett li permezz tagħha, il-Kunsill Lokali ġie mitlub jiġġustifika n-nuqqas tal-Kunsilliera Spiteri Hammett mis-Seduta għal raġunijiet ta' studju. Kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera preżenti illi n-nuqqas tal-Kunsilliera Spiteri Hammett kellu jiġi meqjus bħala ġustifikat.

### 3.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti

3.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 1/2021 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għaldaqstant gew meqjusa bħala moqrija.

3.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sindku issekondata mis-Sja. Melanie Agius, il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

3.2.3 Is-Sindku u Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokument korrett.

3.2.4 Il-minuti ta' seduta numru 2/2021 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għaldaqstant gew meqjusa bħala moqrija.

3.2.5 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sindku issekondata mis-Sur James, il-minuti ġew approvati b'hames voti favur u astensjoni wahda.

3.2.6 Is-Sindku u Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokument korrett.

### 3.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

3.3.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi kien ghaddej hekk kif ippjanat ix-xoghol relatat ma' sejha ghall-offerti li l-Kunsill Lokali kien hareg ghall-knis ta' toroq.

3.3.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi wara li kienu gew rizolti problemi li kienu instabu, kien tkompla x-xoghol fuq progett li l-Kunsill Lokali kien qieghed jimplimenta fi grawnds Peppi Delceppo.

3.3.3 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali b'numru ta' laqghat li kienu inzammu b'konnessjoni ma' progett li l-Kunsill Lokali kien qieghed jiddiskuti ghal Triq Nelson. Is-Sa. Zerafa Civelli sahqet illi l-Kunsill Lokali kien attenda ghal laqghat ta' diskussjoni ma diversi entitajiet rigward il-materja.

3.3.4 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi kemm il-darba ma kienx hemm oggezzjoni, kienu ser jigu mcaqilqa bollards li kien hemm fi Pjazza Santa Margerita. Wara

diskussjoni libera, gie stabbilit illi l-istess bollards kellhom jigu imcaqilqa hekk kif propost.

**3.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

3.4.1 Il-Kunsillier Martin Vella staqsa : "Il-Kunsill Lokali inghata dettalji dwar meta haddiema tar-regjun port kienu ser jaghmlu xogholijiet Bormla bil-ghan illi jsir railing fi Triq it-Torri?".
Is-Sindku wiegbet : " Il-Kunsill Lokali ma inghatax data. Kemm il-darba kien ser ikun hemm dewmien, il-haddiema tal-Kunsill Lokali kienu ser ikunu qieghdin jirrimedjaw is-sitwazzjoni".

3.4.2 Is-Sur Martin Vella staqsa : "Kien hemm xi zviluppi rigward proposta ta' bus stop fi Triq Wigi Rosato?".
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb : "Il-materja kienet qieghda tigi diskussa ma' Transport Malta u l-imsemmi bus stop kien ser ikun qieghed jigi installat f'qasir zmien".

3.4.3 Is-Sur Martin Vella staqsa : "Kien hemm xi zviluppi rigward talba ghal access pendonali li l-Kunsill Lokali kien talab li jinfetah f'mina li kien hemm fi Triq San Gwann t'Ghuxa?".
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb : "Il-Kunsill Lokali baghat talba lill-awtoritajiet koncernati. Kienet ghadha ma waslet ebda risposta".

3.4.4 Is-Sur Martin Vella staqsa : "Il-Kunsill Lokali ghandu informazzjoni dwar bankijiet li kienu ser jitwahhlu f'bacir numru 1?".
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb : "Ma waslet ebda komunikazzjoni ufficjali fir-rigward".

**3.5 Approvazzjoni ta' skedi ta' hlasijiet**

3.5.1 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' hlasijiet (Skeda nru02/22) ghall-approvazzjoni.

3.5.2 Fuq proposta tas-Sur James Cauchi ssekondat mis-Sur Johann Scerri, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' hlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A).

3.5.3 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' petty cash mahrug waqt ix-xahar ta' Jannar 2022.

3.5.4 Fuq proposta tas-Sur Marco Agius ssekondata mis-Sa. Melanie Agius, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' petty cash li tinsab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti ( Dok B)

**3.6 Mozzjonijiet**

Mozzjoni numru 3/2022 (VIII)

3.6.1 Nixtieq nghaddi mozzjoni biex napplikaw biex niehdu dan is-shelter.

Proponent : Marco Agius
Sekondant : Martin Vella

Il-mozzjoni ghaddiet b'votazzjoni unanima.

3.6.2 Mozzjoni numru 4/2022 (VIII)
Gentilment qed inressaq din il-mozzjoni biex fi Triq il-Gublew tal-Fidda, ezatt barra l-mina fejn fl-antik kienu jilghabu il-bocci issir parkegg. Ritratt anness.

Proponent : Martin Vella
Sekondant : Melanie Agius

Il-mozzjoni ghaddiet b'votazzjoni unanima.

**3.7 Sejhiet ghall-offerti**

3.7.1 Ma kienx hemm materji x'jigu diskussi

**3.8 Financial Statements 2021**

3.8.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi hekk kif legalment stabbilit, flimkien mal-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali u l-accountant kienet hadmet bil-ghan illi jigi mhejji abbozz ta' financial statements ghas-sena 2021, liema dokument gie mpoggi fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali. Is-Sindku stiednet lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jispjega fid-dettall id-dokument imressaq.

3.8.2 Is-Segretarju Ezekuttiv ghadda sabiex jaghti spjegazzjoni dettaljata tal-financial statements ghas-sena 2021 li kien thejja. Huwa sahaq kif is-sitwazzjoni tal-Kunsill Lokali kienet wahda stabbli u kien gie rrapurtat titjib fuq is-sena precedenti.

3.8.3 Wara li s-Segretarju Ezekuttiv wiegeb mistoqsijiet li sarulu mill-kunsilliera, fuq kunsiderazzjoni tas-Sur James Cauchi ssekondata mis-Sur Johann Scerri, b'votazzjoni unanima, il-Kunsill Lokali approva l-financial statements ghas-sena 2021 hekk kif imressqa.

**3.9 Rapporti**

3.9.1 Is-Sindku ressqet rapport dwar korrispondenza li kienet waslet u li kienet tinhtieg decizjoni mill-Kunsill Lokali. Ittiehdu s-segwenti decizjonijiet:

- Il-Kunsill Lokali gie infurmat b'korrispondenza li kienet waslet minghand St.George's F.C. rigward progett li l-Kunsill Lokali kien qieghed jimplimenta fi Grawnds Peppi Delceppo.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat korrispondenza li kienet waslet minghand il-Kunsillier Martin Vella rigward problemi relatati ma' gbir ta' skart. Dwar il-materja kellu jkun hemm diskussjonijiet mal-contracts manager tal-Kunsill Lokali.
- Wara li inghataw dettalji tal-Bormla Branch Library Outreach campaign kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi l-Kunsill Lokali kellu jimplimenta l-programm propost mil-librar.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat b'korrispondenza li kienet waslet b'referenza ghall-inizjativa Leggendi – Malta International Arts Festival 2022 li parti minnu kienet ser tkun qieghda tittella' f'Bormla f'Gunju 2022.
- Il-Kunsill Lokali qabel illi kellu jkun hemm estensjoni ta' terminu bejn il-Kunsill Lokali u d-dipartiment tal-artijiet dwar sit fi Triq il-Gublew tal-Fidda.
- Wara li inghataw dettalji dwar il-format propost, kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera illi ghall-hames sena konsekutiva kellha tigi varata l-attivita' Cospicua Short Play Festival.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat b'korrispondenza li kienet waslet b'konnessjoni ma' uzu ta' makkinarju fi Triq San Mikiel, liema makkinarju gie stabbilit illi ma kienx regolat bil-permessi mehtiega.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat illI VBGL Ltd. Kienet qablet illi l-ammont dovut lill-istess kumpanija mill-Kunsill Lokali jithallas permezz ta' rati mensili.
- Il-Kunsill Lokali gie infurat li kienet giet sottomessa applikazzjoni bil-ghan illi l-Kunsill Lokali jikseb fondi permezz tal-fond ta' aggustament ghas-sena 2022 (divizjoni ghall-Gvern Lokali).
- Wara li nqrat korrispondenza li l-Kunsill Lokali kien ircieva minghand Dun Anton Cassar, Arcipriet ta' Bormla, kien hemm qbil illi delegazzjoni komposta minn hames kunsilliera kellha tiltaqa' ma' Fr. Cassar bil-ghan illi tiddiskuti art wara l-binja tal-Kunsill Lokali.
- Kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jippartecipa fil-programm Installation of Outdoor Ground Fixed Percussion exhibits (MFER/51/2021).
-

**3.10 Aggornament tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

3.10.1 Is-seduta giet fi tmiemha fl-8:15p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghall-24 ta' Marzu 2022 fil-5:30 p.m.

Konfermati, illum <u>12 t'April 2022</u>

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| __________________ | ______________________ |
| **Marco Agius** | **Duncan Hall** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |